# KUMITAT AMMINISTRATTIV BUBAQRA

## Kunsill Lokali Żurrieq -

## MINUTI
## LAQGĦA ANNWALI

14 ta' Diċembru, 2016

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra tella' l-Laqgħa Annwali fis-Sala tal-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra, fis-18:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, il-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Uffiiċċjal preżenti - Josianne Cilia Mumford Segretarju Eżekuttiv.

Kien preżenti persuna waħda biss.

## MINUTI

### 1. Introduzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv .

Iċ-Chairperson irringrazzja lil dak preżenti u wara li qara r-rapport amministrattiv għas-sena 2016, mehmuż talab lill-persuna preżenti biex jekk għandha xi suġġerimenti u l-ilmenti jista jressaqhom.

**Kumitat Amministrattiv Bubaqra**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn ħames membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Il-Membru Kevin Sam Farrugia – Ambjent

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

Inżammut 16 –il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2016, li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Pierre Farrugia | 16 | 0 |
| Maria Schembri | 14 | 2 |
| Joseph D'Amato | 15 | 1 |
| Marilyn Sammut | 13 | 3 |
| Kevin Sam Farrugia | 16 | 0 |

**Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..
3. Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra, fosthom zebra crossing u tabelli.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq tibqa kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt..
5. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.
6. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.
7. Żdiedu lampi ġodda kull fejn kien meħtieġ.
8. Reġgħet tqassmet il-kartolina tal-Milied iffirmata mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Il-Kumitat Amministrattiv ħaseb biex jerġgħa jixgħel id-dawl tal-Milied fejn il-Knisja
10. Minflok riċeviment għat-tfal bħal ma sar għal diversi snin, din is-sena saret attivita' fejn it-tfal ittieħdu jaraw film.
11. Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed. Kienet magħżula l-attivita' Snajja u Artiġjanat fiż-Żurrieq bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria li ser saret fil-5 ta' Novembru, 2016 u attivita' bl-għajnuna tas-Soċjeta Mużikali li jisimha 'It-tieġ tradizzjonali Malti' li ser issir fit-30 April, jekk il-Kunsill jieħu fondi biżżejjed biex jorganizzhom.
12. Il-Kunsill għin biex tinfetaħ dar għal-persuni b'diżabilta' fi Triq il-Qiegħa
13. Saru żewġ attivitajiet f'Bubaqra – waħda Artiġjanar fiż-Żurrieq u Tieġ Tradizzjonali Malti bl-għajnuna tal-għaqdiet tal-lokal u b'fondi mill-Gvern Ċentrali.
14. Tħaddmet is-sistema ta' Eco Wardens
15. Inbeda xogħol ta' playing field fi Triq Fra Gan Marie Zammit biex jikkumplimenta l-wiċċ tat-triq li sar minn Transport Malta wara insistenza mill-Kumitat Amministrattiv.
16. Ġew ordnati bollards biex idawwar il-playing field li ser issir fi Triq Fra Gan Maire Zammit

17. Ġie approvat li ssir il-magna li tissuplixxi l-elettriku lill-vetturi li jaħdmu bl-elettriku fi Triq Fra Gan Marie Zammit

**Ilmenti u suġġerimenti**

- Ġie innutat li id-dawl tad-djar fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia u Triq il-Luq qed jinqata ta' spiss. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-Enemalta.
- Ġie ssuġġerit li minflok il-'U' bar li hemm fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia issir barrier aktar b'saħħitha. Kien hemm qbil li din issir żgħira biex ma timblukkax garaxxijiet.
- Hemm bżonn li tiċċekken it-traffic island li tinsab fi Triq Santa Marija k/m Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia u jsiru cat eyes
- Ġie nnutat li l-kartolina tal-Milied ma tqassmitx fi Triq Dun Nard Mallia u fi Triq Kalang Bugeja.

Din il-laqgħa ġiet fi tmiema b'dan l-item fit-19.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2017

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia Josianne Cilia Mumford
**Chairperson** **Segretarju Eżekuttiv**